# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 1 ta' Frar 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 658/2023 JPG**
**Kawza nru.: 20**

**DB**
**Vs**
**KA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors mhux guramentat ta' DB datat 14 ta' Dicembru 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *ILLI l-partijiet iżżewġu bir-rit kattoliku nhar is-sitta u għoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (26.05.2013) (Ara l-Att taż-Żwieġ relattiv hawn anness u mmarkat bħala **'Dok. DB 1'**).*

2. *ILLI, b'konsegwenza ta' dan iż-żwieġ, l-intimata assumiet il-kunjom 'B', cioé kunjom ir-rikorrent. Ai termini tal-klawżola sbatax (17) tal-att pubbliku ta' separazzjoni personali konkluż fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion nhar id-dsatax ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (19.10.2022), l-intimata għażlet li tirreverti għal kunjom xbubitha 'A' **('Dok. DB2')**.*

3. *ILLI l-partijiet ma kellhomx ulied minn dan iż-żwieġ u, għaldaqstant, ma huwa dovut l-ebda manteniment f'dan ir-rigward.*

4. *ILLI r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġjijiet ta' Malta, huma sodisfatti, u dan stante li:*

   i. *Il-partijiet ilhom legalment separati min-nhar id-dsatax ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (19.10.2022), u dan in virtù ta' att pubbliku ta' separazzjoni personali ppublikat dak inhar min-Nutar Dottor Malcolm Mangion (Ara l-kopja awtentikata hawn annessa u mmarkata bħala* ***'Dok. RB 2'****).*

   ii. *Il-partijiet ilhom jgħixu separatament, ossia de facto separati, min-nhar is-sitta u għoxrin ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (26.12.2021), u dan kif iddikjarat minnhom stess fil-klawżola bin-numru sittax (16) tal-att pubbliku ta' separazzjoni surreferit* ***('Dok. RB 2')****. Għaldaqstant, qiegħed jiġi rrilevat li, fi kwalunkwe każ, jirriżulta wkoll li l-konjuġi "għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas sena mis-sentejn preċedenti" ai termini ta' dak ipprovdut fit-tieni paragrafu tas-subartikolu (a) tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

   iii. *Ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-ġurnata, qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin u saħansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni oħra.*

   iv. *Permezz tal-klawżola bin-numru sitta (6) tal-att pubbliku ta' separazzjoni surreferit, ġie pattwit li "Il-Partijiet qegħdin jirrinunzjaw għad-dritt li jirċievu manteniment mingħand xulxin, kif ukoll għad-dritt li jesiġu l-ħlas tal-istess." Għaldaqstant, l-ebda parti*

*ma hi obbligata li tħallas manteniment lill-parti l-oħra u l-ebda ammonti ma huma dovuti f'dan ir-rigward.*

v. *Ai termini tal-klawżola bin-numru '14.iv' tal-att pubbliku ta' separazzjoni surreferit, il-partijiet iddikjaraw "li huma sodisfatti bil-preżenti likwidazzjoni u qsim u li m'għandhom ebda pretensjoni kontra xulxin f'dan ir-rigward."*

5. *ILLI għall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1)(a) u (b) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħed jiġi rrilevat ukoll li l-partijiet huma domiċiljati f'Malta u għandhom ir-residenza tagħhom f'Malta.*

*GĦALDAQSTANT, in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, l-esponent jitlob bir-rispett lill-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalunkwe provvediment meqjus opportun f'dan ir-rigward, jogħġobha:*

1. *TIPPRONUNZJA l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat mill-partijiet nhar is-sitta u għoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (26.05.2013);*

2. *TORDNA lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabbiex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat r-risposta ta' KA datata 16 ta' Jannar 2024, a fol 26 li taqra hekk:

1. *Illi hija taqbel mal-kontenut tar-rikors suindikat u mat-talbiet imressqa mir-rikorrent DB u ghalhekk ma topponix illi z-zwieg taghhom jinhall u jigi ppronunzjat id-divorzju bejniethom.*

2. *Illi l-esponenti tiddikjara illi huma ilhom ftit aktar minn sentejn ma jghixu flimkien u llum anke separati mhux biss de facto izda anke de jure.*

3. *Illi l-esponenti certament illi ma tara l-ebda prospett ragjonevoli li l-partijiet jergghu jirrikonciljaw.*

4. *Illi m'hemm l-ebda pendenzi ohra bejn il-partijiet.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DB xehed (vide affidavit fol 19)** u kkonferma illi il-kontendenti zzewgu nhar is-26 ta' Mejju 2013 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Ottubru 2022 fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion. Inoltre, iddikjara li ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**KA xehdet (vide affdavit fol 28)** u kkonfermat u korraborat ix-xhieda ta B.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax***

*jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-26 ta' Mejju 2013 liema zwieg jgib certifikat numru 1050/2013 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 20). Minn dan iz-zwieg ma

twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Malcolm Mangion data 19 ta' Ottubru 2022 (Vide fol 6 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1050/2013 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**